VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,674, 7 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 374 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Signals, Systems and Control – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Inġinerija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Signals, Systems and Control – M.Sc. – offrut taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Inġinerija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Signals, Systems and Control – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Signals, Systems and Control – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Signals, Systems and Control – P.G.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'suġġetti xierqa approvati mill-Bord; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(d) il-grad ta' Bachelor of Science in Information and Communication Technology (Honours) miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(e) kwalunkwe grad bl-Unuri ieħor b'komponent adattat fil-mathematical u computer programming li l-Bord iqis komparabbli mal-kwalifiki indikati fil-paragrafi (a), (b), (ċ) jew (d) ta' dan l-ordinament.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw id-dissertazzjoni b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li matul xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għall-taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fil-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentarji ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali normalment li ma taqbiżx il-25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt l-aħħar semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

(4) L-istudenti għandhom ifittxu l-approvazzjoni mill-Bord tal-Istudji permezz tas-superviżuri tagħhom għal modifikazzjonijiet sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, li għandu jibgħat lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studju, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jiġi estiż il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad u tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.